MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 688/2013

**Alberta Fire & Security Equipment Limited**
**C 6606**

**vs**

**Nicholas Callus u**
**Computer Domain Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta` attrici talbet illi l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tlett elef ghaxar Ewro u disghin centezmu (€3,010.90c) rapprezentanti l-valur ta' prodotti u oggetti li jinkludu *solar film blinds* li gew ordnati mill-konvenuti, jew min minnhom, u gew prodotti specifikament skont ir-rikjesta taghhom b'dan li sussegwentement irrifjutaw li jaccettaw il-konsenja taghhom.

Bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-konvenuti, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas.

Ra r-risposta tas-Socjeta` konvenuta, li permezz taghha eccepiet; (i) illi preliminarjament jigi rilevat illi ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-Socjeta` attrici u s-Socjeta` intimata u ghalhekk is-Socjeta` intimata mhix il-legittimu kontradittur tas-Socjeta` attrici b'hekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. (ii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata kemm fil-fatt u kemm fid-dritt. (iii) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-Socjeta` attrici li hija ngunta in Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa: (i) illi t-talba attrici ghall-hlas tas-somma msemmija fl-avviz promotur ghandha tigi respinta, bl-ispejjez kontra s-Socjeta` attrici bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt. (ii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat mis-Socjeta` attrici ma hux dovut u dan stante illi l-intimat ikkancella l-ordni ndikata fl-avviz promotur, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-Trattazzjoni tal-kawza. (iii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-Socjeta` attrici naqset milli twettaq l-obbligi taghha hekk kif miftehma u l-ammont minnha pretiz mhux dovut u t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez. (iv) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-Socjeta` attrici li hi ngunta in Subizzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-Trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant tas-Socjeta` attrici ddikjara illi l-konvenut kien avvicinahom sabiex jitlob informazzjoni dwar *solar films* u *solar blinds*; illi ntbaghtet persuna fir-residenza tal-konvenut – fejn kellhom jigu installati dawn l-oggetti – sabiex jittiehed il-kejl, u in bazi tal-istess tinhareg stima dwar l-ispiza relattiva. Illi effettivament inharget stima, li kopja taghha tinsab a fol. 16 *et seq* tal-atti. Illi din l-istima ntbaghtet lill-konvenut, illi talab illi jinghata skont fuq il-prezz indikat, liema skont inghata, u wara li dan ikkonferma l-ordni, permezz ta' e-mail datata 28 ta' Gunju, 2011 (a fol. 21 at-atti), inharget il-fattura, u l-konvenut gie mitlub li jwettaq hlas akkont tal-prezz fl-ammont ta' tletin fil-mija (30%) tal-imsemmi prezz. Illi l-

istess konvenut talab illi l-fattura tinhareg f'isem is-Socjeta` konvenuta, u s-Socjeta` attrici ghalhekk ghamlet l-ordni minghand is-Socjeta` estera ghall-konsenja ta' merkanzija, li kienet ser tkun *custom made* ghall-htigijiet tal-konvenut. Illi din il-merkanzija waslet minn barra minn Malta fit-22 ta' Lulju, 2011, u ghalhekk is-Socjeta` attrici avvicinat lill-konvenut sabiex dawn jigu installati. Illi dan inizjalment beda jitlob ftit taz-zmien qabel ma ssir l-installazzjoni, u eventwalment beda jiddikjara li hu kien hassar l-ordni. Dwar dan il-kancellament tal-ordni, il-konvenut gie mitlub sabiex jipprovdi informazzjoni in rigward, izda ma kienx f'posizzjoni li jaghmel dan. Illi l-merkanzija in kwistjoni ghadha fil-pussess tas-Socjeta` attrici, u ma tistax tigi utilizzata f'post iehor, ghaliex hija *custom made* in linea mal-htigijiet u ordni tal-konvenut.

Illi xehed l-impjegat li mar fir-residenza tal-konvenut sabiex jiehu l-kejl tal-postijiet fejn kien intiz li jigu installati l-oggetti li kien interessat li jordna l-konvenut, u ddikjara li rrilaxxja l-istima relattiva; illi in segwitu ghal dan, u wara illi l-konvenut ikkonferma l-ordni, inharget fattura, u dan fuq isem is-Socjeta` konvenuta – u dan fuq rikjesta tal-istess konvenut. Illi dan l-impjegat ma kienx f'posizzjoni li jghid jekk giex imwettaq il-hlas tad-depozitu ta' tletin fil-mija (30%) akkont tal-prezz; izda ddikjara li rcieva l-*job card* u li ghalhekk ghadda sabiex jaghmel l-ordni mal-fornitur, barra minn Malta. Illi dwar il-konsenja u nstallazzjoni tal-oggetti, iddikjara illi hu kien ta 'ndikazzjoni lill-konvenut dwar meta kienu ser isiru; izda ma setax jindika z-zmien bi precizjoni peress illi l-oggetti kellhom jigu minn barra minn Malta.

Illi l-konvenut iddikjara li huwa minnu li avvicina lis-Socjeta` attrici sabiex jitlob stima dwar *solar blinds* u *films* sabiex jigu installati fir-residenza tieghu, u li wara li ttiehed il-kejl giet rilaxxjata stima ghall-*blinds* u *films*. Illi ddikjara wkoll li hu kkonferma l-ordni ghall-*blinds*, izda jinsisti illi ma wettaqx il-hlas tad-depozitu mitlub, u dan ghaliex ma nghatax indikazzjoni cara dwar meta kienet ser issir il-konsenja. Iddikjara wkoll li huwa minnu li talab illi l-fattura tinhareg f'isem is-Socjeta` konvenuta, izda wahda mid-diretturi tas-Socjeta` konvenuta ddikjarat illi ma saret ebda ordni da parti tal-istess Socjeta` konvenuta ghall-installazzjoni ta' *solar blinds*. Illi ddikjara wkoll illi peress illi baqa' ma nghatax informazzjoni dwar iz-zmien tal-konsenja, hu bghat jinforma lis-Socjeta` attrici li ried jikkancella l-ordni; iddikjara illi dan x'aktarx sar bil-mezz tat-telephone, u mhux b' e-mail.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni s-Socjeta` attrici qed titlob illi il-hlas tas-somma ta' tliet elef u ghaxar Ewro u disghin centezmu (€3,010.90c), liema ammont jirraprezenta l-prezz ta' *solar blinds* illi kellhom jigu 'nstallati fir-residenza tal-konvenut. Illi l-ordni giet ikkonfermata mill-konvenut permezz ta' e-mail datata 28 ta' Gunju, 2011, u talab illi l-fattura relattiva ghandha tinhareg fuq isem is-Socjeta` konvenuta. Illi sussegwentement, u wara li s-Socjeta` attrici rceviet l-oggetti ordnati minghand l-fornitur taghha minn barra minn Malta, il-konvenut ma accettax il-konsenja ta' dawn l-oggetti, li ghalhekk baqghu ma gewx installati fir-residenza tal-konvenut.

Illi da parti tieghu l-konvenut mhux qed jikkontesta illi wettaq l-ordni in kwistjoni mas-Socjeta` attrici, izda l-kontestazzjoni tieghu ghall-hlas tal-ammont pretiz hija in bazi ta' kancellament tal-ordni in kwistjoni, filwaqt illi l-kontestazzjoni tas-Socjeta` konvenuta hija fis-sens illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejnha u s-Socjeta` attrici, ghaliex ma ghamlet ebda ordni ghal ebda *solar blinds* u lanqas ma rceviet il-konsenja tal-istess.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi l-konvenut fil-fatt ghamel ordni ghal *solar blinds* li kienu intizi li jigu installati fir-residenza tieghu, u tali ordni kkonfermaha bil-mezz tal-e mail. Illi mill-iskambju ta' korrispondenza bil-mezz tal-e mail li ghaddiet bejn il-partijiet irrizulta wkoll illi s-Socjeta` attrici talbet hlas minghand il-konvenut ta' depozitu ammontanti ghal tletin fil-mija (30%) tal-prezz miftiehem, filwaqt illi l-konvenut talab ukoll illi jinghata indikazzjoni taz-zmien meta kellhom jigu kkonsenjati u installati dawn il-*blinds*. Illi dwar ir-rikjesta ghall-hlas tad-depozitu, jidher illi dan il-hlas ma giex imwettaq mill-konvenut, u hu jsostni illi dan il-hlas ma sarx ghaliex baqa' ma nghatax informazzjoni dwar meta kienet ser issir il-konsenja tal-oggetti. Illi l-istess konvenut isostni illi peress li baqa' ma nghatax risposta minghand is-Socjeta` attrici, hu imbaghad ghadda sabiex ikkancella din l-ordni. Dwar il-kancellament tal-ordni jghid li dan x'aktarx sar permezz ta' telefonata.

Illi mid-dokumenti li gew ipprezentati mill-partijiet jirrizulta illi l-istima nharget fit-22 ta' Gunju, 2011; il-konvenut ikkonferma l-ordni permezz ta' e-mail datata 28 ta' Gunju, 2011; illi permezz ta' e-mail li ntbaghtet fl-istess data, is-Socjeta` attrici talbet lill-konvenut ihallas id-depozitu akkont tal-prezz; permezz ta' e-mail datata 30 ta' Gunju, 2011, il-konvenut rega' talab illi jinghata informazzjoni dwar id-data tal-installazzjoni; il-konsenja tal-oggetti minghand il-fornitur tas-Socjeta` attrici jirrizulta illi waslet wara t-22 ta' Lulju, 2011; u

permezz ta’ e-mail datata 16 ta’ Settembru, 2011, is-Socjeta` attrici qed tinsisti mal-konvenut li tinghata data sabiex issir il-konsenja u installazzjoni tal-*blinds.*

Illi dwar il-procedura li tadopera s-Socjeta` attrici meta ssir ordni bhal din li ghamel il-konvenut, ir-rapprezentant tas-Socjeta` attrici ddikjara illi jintalab hlas ta’ depozitu akkont tal-prezz. Illi effettivament f’dan il-kaz intalab hlas fl-ammont ta’ tletin fil-mija (30%). Illi l-impjegat li wettaq l-ordni mal-fornitur barra minn Malta ddikjara li hu ma jafx jekk il-konvenut wettaqx il-hlas ta’ dan id-depozitu; madanakollu, hu rcieva l-*job card* relattiva ghal tali ordni, u ghalhekk ghadda sabiex jaghmel l-ordni tal-oggetti minghand il-fornitur, li jidher illi gew ikkonsenjati madwar xahar wara. Tali oggetti kienu *custom made* in bazi tal-kejl li ttiehed fir-residenza tal-konvenut u l-ordni li saret minnu.

Illi mill-provi kweziti t-Tribunal jinsab sodisfacentement konvint illi s-Socjeta` konvenuta ma kellha ebda involviment f’dak li jirrigwarda l-ordni li saret ghall-oggetti mertu ta’ din l-azzjoni; illi rrizulta sodisfacentement illi l-ordni saret mill-konvenut personalment u bl-intendiment illi dawn l-oggetti jigu installati fir-residenza tieghu. Illi t-Tribunal jinnota illi l-fattura relattiva ma gietx ipprezentata f’dawn il-proceduri, u giet ipprezentata biss l-istima li nharget f’isem il-konvenut. Illi fi kwalunkwe kaz, u fid-dawl ta’ dak li gie dikjarat mill-konvenut illi tali ordni saret minnu personalment u sabiex l-oggetti jigu installati fir-residenza tieghu, allura jsegwi illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejn is-Socjeta` attrici u dik konvenuta, u ghalhekk ser jghaddi sabiex jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi in rigward l-ordni li saret mill-konvenut, u l-eventwali kancellament taghha, it-Tribunal jinnota illi filwaqt li l-ordni giet ikkonfermata mill-konvenut permezz ta’ e-mail, u anke talab informazzjoni permezz ta’ e-mail, il-kancellament tal-ordni ma saritx b’dan l-istess mezz, izda x’aktarx illi saret telefonikament. Il-konvenut isostni illi hu ma wettaqx il-hlas tad-depozitu akkont tal-prezz peress illi baqa’ ma nghatax informazzjoni dwar meta kienet ser issir il-konsenja tal-oggetti ordnati minnu. Illi jsostni ghalhekk illi l-ordni li kienet saret minnu ma gietx ikkonfermata, jew ahjar konkluza, ghaliex ma wettaqx il-hlas tad-depozitu. Illi huwa minnu li permezz ta’ e-mail datata 30 ta’ Gunju, 2011 il-konvenut insista li jinghata d-data ta’ meta kienet ser issir l-installazzjoni qabel ma jwettaq il-hlas tad-depozitu, madanakollu, mill-inkartament ma jirrizultax illi l-konvenut specifikament ikkancella l-ordni minhabba dan in-nuqqas tas-Socjeta` attrici li taghtih l-informazzjoni rikjesta; li jirrizulta mill-atti huwa li sussegwentement is-Socjeta` attrici kkomunikat mal-konvenut sabiex

tinformah li l-oggetti kienu waslu minn barra, u li ghalhekk ghandhom jiftehmu dwar data sabiex issir l-installazzjoni.

Illi fl-affidavit tieghu l-konvenut jiddikjara illi dawn il-*blinds* kellu xi ftit tal-ghagla ghalihom, ghaliex kien dahal is-Sajf, u kienu mehtiega sabiex jilqghu ghas-shana. Illi possibilment, kien minhabba f'tali pressjoni da parti tal-konvenut illi s-Socjeta` attrici ghaddiet sabiex tghamel l-ordni mal-fornitur taghha barra minn Malta minghajr ma qadghet tosserva rigorozament il-procedura li solitament tadopera, u cioe' illi ma taccettax l-ordni qabel ma jigi mwettaq il-hlas tad-depozitu. Illi fil-kaz in ezami, il-konvenut, li kien qed jaghmel l-ordni, ikkonferma tali ordni, u kien biss **wara** li kkonferma l-ordni illi talab ripetutament informazzjoni dwar l-installazzjoni. Illi ghalkemm jidher illi bhala prassi, is-Socjeta` attrici tirrikjedi l-hlas ta' depozitu, u dan anke ghamlitu fil-konfront tal-konvenut permezz ta' e-mail datata 28 ta' Gunju, 2011 (a fol. 39 *et seq.* tal-atti), il-konvenut rega' kkonferma ulterjorment l-ordni tieghu permezz ta' e-mail sussegwenti, u li permezz taghha anke ndika f'isem min kellha tinhareg il-fattura relattiva. Illi ghalhekk ma treggix il-kontestazzjoni sollevata mill-konvenut illi l-ordni tieghu kienet wahda kondizzjonali, pendenti risposta minghand is-Socjeta` attrici dwar id-data tal-installazzjoni; u lanqas m'ghandu jimmilita a favur tat-tezi tieghu l-fatt illi hu naqas milli jwettaq il-hlas tad-depozitu, ghaliex tali nuqqas da parti tieghu m'ghandhux jikkostitwixxi raguni valida sabiex jinhall mill-obbligazzjonijiet minnu assunti, partikolarment meta s-Socjeta` attrici ghaddiet sabiex twettaq minnufih dak mitlub minnha. Illi tali cirkostanzi, mghaduda mal-fatt illi ma rrizultax b'mod car u inekwivoku illi l-konvenut ikkancella l-ordni b'mod formali, u b'mod tempestiv, iwasslu ghall-konvinzjoni illi kien il-konvenut li naqas milli jottempera ruhu mal-obligazzjonijiet li gew assunti minnu meta ghamel l-ordni mas-Socjeta` attrici ghal *solar blinds* li kellhom jigu installati fil-proprjeta' tieghu. Illi in bazi ta' dak dikjarat mir-rapprezentant tas-Socjeta` attrici, u cioe' illi dawn il-*blinds* ghadhom fil-pussess taghha, allura ghandha ssir il-konsenja ta' dawn il-*blinds* mis-Socjeta` attrici lill-konvenut u l-istess konvenut ghandu jwettaq il-hlas ghalihom, kif *ai fine dei conti* ntrabtu li jaghmlu l-partijiet kontendenti meta gie finalizzat in-negozju bejniethom.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni sollevata mis-Socjeta` konvenuta Computer Domain (Services) Limited u qed jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, qed jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut Nicholas Callus, u jordna illi l-konvenut

Nicholas Callus ihallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta’ tliet elef u ghaxar Ewro u disghin centezmu (€3,010.90c), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut, filwaqt illi dawk tas-Socjeta` konvenuta jibqghu bla taxxa.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------